DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 141147** **23.05.2014**

**AVVIŻ MID-DIRETTORAT GĦAS-SAĦĦA AMBJENTALI**

Skont l-Att dwar is-Sigurtà fl-Ikel u r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru. 178 tal-2002, id-Direttorat għas-Saħħa Ambjentali fi ħdan is-Sovrintendenza Saħħa Pubblika, jixtieq jinforma lill-pubbliku, li wara informazzjoni li rċieva dan id-Direttorat permezz tas-Sistema ta' Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (*Rapid Alert System for Food and Feed*), il-prodott hawn taħt imsemmi m'għandux jiġi kkonsmat minħabba li instab fih livell għoli ta' '*Deoxynivalenol*' li jista' jifforma f'ikel li jkollu bażi ta' ċereali, minn moffa li tiġi f'kuntatt mal-ikel.

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott:** | **Corn cakes (tondi)** |
| **Ditta:** | **Lima** |
| **Oriġini:** | **Belġju** |
| **Użin:** | **120g** |
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | **Kaxxa tal-kartun** |
| **Data tad-durabilita' minima:** | **03/02/15** |
| **Numru tal-lott:** | **100006419** |







| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-Prodott::** | **Corn Cakes (rettangolari 4x5)** |
| **Ditta:** | **Lima** |
| **Oriġini:** | **Belġju** |
| **Użin:** | **130g** |



**3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775**
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

| | |
|---|---|
| **Deskrizzjoni tal-maħfen:** | **Kaxxa tal-kartun** |
| **Data tad-durabilita' minima:** | **09/12/14 u 06/01/15** |
| **Numru tal-lott:** | **100006043 u 100006243** |







Il-Kumpanija involuta ġiet obbligata tirtira dawn il-konsenji mis-suq, iżda minħabba li rrapurtat li l-konsenji ma nġabrux kollha, bħal ma jsir f'dawn il-każijiet, d-Direttorat huwa obbligat li jiġbed l-attenzjoni tal-konsumaturi.

Għal aktar informazzjoni, l-pubbliku jista' jċempel lis-Servizzi tal-Ispettorat tas-Saħħa fuq in-numru tat-telefon – 2133 7333 mit-8:00 ta' filgħodu sas-2:30 ta' wara nofsinhar jew jibgħat imejl fuq mhi@gov.mt. Il-pubbliku jista' wkoll jirrikorri personalment fl-uffiċċju tad-Direttorat li jinsab f'Continental Business Centre, Old Railway Track, Santa Venera.

Il-pubbliku huwa ġentilment mitlub iżur il-paġna tad-Direttorat fuq Facebook http://www.facebook.com/pages/Environmental-Health-Directorate-Malta/145027878928626 jew is-sit uffiċjali fuq https://ehealth.gov.mt/HealthPortal/public_health/environmental-health/department_for_env_health.aspx għal informazzjoni simili.